**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**

**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 03 ta' Ottubru, 2024**

**Kawża Numru: 10**

**Rikors Guramentat Numru:- 864/2022 JVC**

**Maria Victoria Baldacchino ID 398068M**

**Vs**

**Frederick Micallef**

**U**

**Alison Micallef Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Maria Victoria Baldacchino illi premezz tieghu talbet kif isegwi:

'Illi hija proprjetarja tal-fond numru 164, Triq santa Katerina, Qormi, u dan kif ser jigi ppruvat matul is-smiegh tal-kawza;

Illi fost l-ohrajn, dan il-fond igawdi minn tieqa li taghti ghal fuq propjeta' tal-intimati, liema tieqa l-esponenti Baldacchino ilha hekk tgawdi minnha ghal ghexieren ta' snin twal, u fil- fatt ila tiftakar l-ezistenza ta' din it-tieqa tul hajjitha kollha;

Illi fi zmien ilu, din it-tieqa kienet taghti ghall go 'shaft', propjeta' tal-intimati, izda sussegwentament dan ix-'shaft' kien gie zviluppat u b'hekk ix-shaft kien gie msaqqaf b'tali mod li dan ix-shaft sar bejt;

Illi illum il-gurnata, b'mod abbuziv, dan il-bejt gie konvertit f'bitha interna, liema zvilupp r-rikorrenti qedgha tirriserva li tiehu azzjoni legli ulterjuri dwaru fil-forum opportun;

Illi qedghin jigu annessi r-ritratti mmarkati bhala "Dok A" illi jixhdu l-konverzjoni tal-uzu ta' dan l-izvilupp minn bejt ghall bitha interna;

Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena 2022, l-intimati u/jew nies mqabbdin minnhom, b'mod abbuziv, klandestinament u bi vjolenza, installaw struttura tal-hadid immedjetament mat-tieqa tar-rikorrenti hawn fuq imsemmija, liema installazzjoni saret mal-hajt divizorju bejn il-propjetajiet tar-rikorrenti u tal-esponenti, u dan kif jixhdu r-ritratti hawn annessi u mmarkati bhala **Doks B**

Illi dak inhar stess ir-rikorrenti ghamlu rapport l-ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi liema rapport gie aggornat nhar is-sittax (16) ta' Settembru tas-sena 2020, kif jirrizulta mir-rapport hawn anness u mmarkat bhala **"Dok C";**

Illi sussegwentement ghall-installazzjoni tal-istruttura tal-hadid hawn fuq imsemmija, l-istess intimati installaw tinda b'tali manjiera li kwazi tmiss mat-tieqa tar-rikorrenti, biex b'hekk it-tgawdija tal-arja u tad-dawl naturali li kellha r-rikorrenti mill-apertura in kwistjoni qedghin jigu ostakolati u/jew mxekkla permezz ta' dawn l-instalazzjonijiet li jestendu madwar l-apertura , u dan kif jidher mill-istess ritratti indikati bhala Dok B;

Illi dan l-agir tal-intimati u/jew ta nies mqabbdin minnhom jikkostitwixxi spoll, klandestin, vjolenti u recenti u dan ai termini tal-artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-intimati b'ittra ufficjali tal-hdax (11) ta' Awwissu 2022 li ghandha numru ta' referenza 3437/2022, gew interpellati sabiex inehhu l-istruttura tal-hadid li giet installata mal-hajt divizorju ta' bejn il-propjetajiet tal-partijiet sabiex it-tieqa propjeta tal-attrici titqieghed fl-istat li kienet qabel ma l-esponenti kkommottew dan l-ispoll, pero' huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi, prevja kull dikjarazzjoni permessa mil-ligi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati kkommettew spoll ricenti u vjolenti u klandestin ai termini tal-artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malt, meta huma imblukkaw it-tieqa tal-attrici billi wehhlu struttura fissa tal-hadid mat-tieqa taghhom gewwa 164, Triq Santa Katerina, Qormi u kif ukoll permezz tal-instalazzjoni ta' tinda li testendi madwar l-istess apertura fl-istess indirizz;

2. Konsegwentement tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, jispurgaw l-ispoll

kommess minnhom ghad-dannu tal-esponenti u jirreintegraw lill-esponenti fil-pussess tad-drittijiet pjeni taghha, u fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponenti taghmel dak kollu mehtieg fir-rigward, bi spejjez tal-intimati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Awwissu tas-sena 2022, kontra l-intimati minn issa nguni ghas-subizzjoni u b'riserva, ghall kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati, inkluza ghad-danni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Fredrick Micallef et li taqra kif isegwi :

'ILLI t-talbiet attrici huma nfondati fil-ftt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante:

(i) Li l-fatt li saret gradilja biex tipprovdi sigurta lill-esponenti quddiem tieqa li qieghda hemm biss ghad-dawl u l-arja u li lanqas wiehed jista jittawwal minnha ghaliex bhal ma jidher ampjament mir-ritratti esebiti mar-rikors promotur hija *sliding* u konsegwentement nofsha biss tista tinfetah ma tissodisfax l-elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll tirnexxi.

(ii) Il-gradilja ma twahhlitx vjolentment u klandestinament u dana ghaliex meta r-rikorrenti lmentat dwar il-lok fejn kienet mwahhla dan gie rimedjat mill-esponenti sabiex jinzamm il-buon vicinat.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat l-affidavits, xhieda, kontro-ezamijiet, rapporti, atti notarili u l-provi kollha fl-atti.

Rat illi fil-verbal datat 27 ta' Frar, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni preliminari bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kaz odjern jikkonsisti f'allegat kaz ta' spoll vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrenti Baldacchino ssostni li hija proprjetarja ta' fond residenza taghha li jigi fuq dak tal-intimati Micallef liema fond gawdi servitu ta' erba' twieqi fuq il-bitha sottostanti. Hija tispjega fir-rikors guramentat taghha li maz-zmien l-intimati saqqfu l-istess bitha b'dana li fil-livell tat-tieqa tal-kcina taghha sar saqaf u li fuqu jacedu l-istess rikorrenti minn bieb li sar minnhom. Ir-rikorrenti ssostni li fis-27 ta' Lulju, 2022 l-intimat minghajr il-kunsens taghha nstallaw speci ta' gradilja mat-tieqa tal-kcina taghha mqabbda mal-hajt proprejta' taghha u wkoll tilmenta li saret speci ta' tinda; fl-istess bitha tal-intimati b'dana li naqas ferm id-dawl li jasal ghat-tieqa tal-kcina taghha (dan kif jidher fir-ritratt a fol. 94, 95 u 96 tal-process). Ir-rikorrent ssostni li b'dawn l-azzjonijiet l-intimati kommettew spoll, vjolenti u klandestin w'ghalhekk titlob li din il-Qorti tordna r-riprisintazzjoni tal-*istatus quo ante*.

L-intimati da parti taghhom jichdu li kommettew xi spoll, jeccepixxu li l-gradilja twahhlet fuq barra tat-tieqa ghas-sigurta' taghhom u li meta r-

rikorrenti lmentat li din giet mwahhla mal-hajt proprjeta' taghha huma rrimedjaw billi din inqalghet minn mal-istess hajt u giet isserrah ma' hadid imwahhal mal-hajt taghhom. Isostnu ghalhekk li ma jikkonsistux l-elementi tal- ispoll. Dwar it-tinda l-intimati ma semmew xejn fir-risposta taghhom.

Illi mil-lat ta' provi l-Qorti rat l-affidavit tar-rikorrenti Maria Victoria Baldacchino (fol. 35 et seq) u ta' bintha Cosette Baldacchino (fol. 88 et seq) kif ukoll il-kontro ezami tal-istess rikorrenti fl-atti minn fejn johrog li ghalkemm l-istruttura tal-hadid tpoggiet fil-bitha tal-intimati diversi xhur qabel Lulju tas-sena 2022, din effettivament twahhlet nhar is-27 ta' Lulju, 2022, dan wara li r-rikorrenti kienet sahansitra avzat lill-intimat biex ma jwahhalhiex. Dwar id-data tat-twahhil ta' din l-istruttura tal-hadid il-Qorti rat li din giet ikkonfermata mir-rapport li sar mal-Pulizija minn bint ir-rikorrenti esebit a fol. 113 et seq tal-process. Il-Qorti rat mill-istess rapport li l-intimat meta rinfaccat b'dan mill-Pulizija huwa ma cahadx li wahhal l-istruttura izda nsista li kienet twahhlet ai fini ta' sigurta tieghu. Mir-rapport li sar mal-pulizija wkoll mir-rikorrenti datat 16 ta' Settembru, 2022 (fol. 115) jirrizulta li f'dik il-gurnata l-intimati kienu ghamlu xoghlijiet ulterjuri fis-sens li ziedu strutturi ohra tal-hadid mwahhla mal-hitan proprjeta' taghhom sabiex dawn izommu l-istess gradilja tal-hadid minghajr ma din ikollha bzonn titwahhal mal-hajt tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti u bintha dwar il-tinda xehdu li din twahhlet mill-intimati u li konsegwenza taghha naqas ferm id-dawl fil-bitha u ghalhekk ukoll fil-kcina tar-rikorrenti tant li r-rikorrenti kellha tnehhi xi purtieri biex jidhol ftit aktar dawl. Il-Qorti rat l-ilqugh li twahhal fil-bitha fid-diversi ritratti esebiti fl-atti liema lqugh bla dubju naqqas ferm id-dawl li jasal fl-istess bitha u allura d-dawl li jidhol fit-tieqa tar-rikorrenti.

Illi l-intimat da parti tieghu, fix-xhieda tieghu, ma jichadx li huwa wahhal l-istruttura msejha gradilja in kwistjoni izda jinsisti li din saret ghas-

sigurta tal-intimati. Izid li meta r-rikorrenti lmentat li din giet imwahhla mal-hajt proprjeta' taghha huwa rrangaha l-istess billi wahhalha mal-hajt tieghu u qalaghha minn mal-hajt tar-rikorrenti. Dan jirrizulta mir-ritratti esebiti fl-atti. Dwar it-tinda li saret fil-bitha l-Qorti tinnota li l-intimat ma xehed xejn filwaqt li l-intimata ma xehdietx fil-proceduri odjerni.

Apparti x-xhieda tal-partijiet il-Qorti rat ukoll ir-rapporti ex parte tal-Perit Daniel Grima a fol. 102 et seq tal-process kif ukoll ix-xhieda tieghu. Il-Qorti rat izda li apparti li jikkonferma li twahhlet l-istruttura tal-hadid quddiem it-tieqa, ir-rapport u x-xhieda tieghu jiffokaw principalment fuq il-permessi ta' zvilupp mahruga lill-intimat u li ma jidhlux fil-mertu ta' dan l-allegat spoll.

Il-Qorti rat ukoll fl-atti id-dokumentazzjoni li tevidenzja t-titlu taz-zewg partijiet minn fejn johrog car li l-bitha proprjeta' tal-intimati hija soggetta ghas-servitu ta' erba' twieqi favur ir-rikorrenti.

Illi l-Qorti rat ukoll li r-rikorrenti fil-kontro-ezami taghha tikkonferma li t-tieqa tal-kcina in kontestazzjoni hija uzata ai fini ta' dawl u arja u rat ukoll li t-tieqa in kwistjoni hija wahda 'sliding' u mhux li tinfetah il-barra.

**Bazi Legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqieghda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad

fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

Illi skond l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezèrcitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]':

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non*

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*

*richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xaharejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta*

[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

*imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Mertu:**

Illi dwar it-terminu tax-xahrejn il-Qorti rat li l-kaz odjern gie prezentat nhar it-23 ta' Settembru, 2022 filwaqt li jirrizulta li l-gradilja twahhlet fis-27 ta' Lulju, 2022 ghalhekk ir-rikors gie ntavolat entro t-terminu tax-xahrejn impost fil-ligi. Mill-provi jirrizulta li t-tinda saret xi jiem wara li twahhlet it-tieqa u zgur qabel gie ntavolat ir-rikors odjern ghalhekk anki f'dawn ir-rigward it-terminu huwa sodifatt.

Dwar l-atti allegatament spoljattivi l-intimat Frederick Micallef ma jichadx li kien hu li wahhal il-gradilja in kwistjoni u li kien hu u wkoll li rranga l-istess gradilja sabiex ma tibqax imwahhla mal-hajt tar-rikorrenti izda din tigi sserrah fuq hadid imwahhal mal-hajt tieghu stess. Ghalhekk dan l-att jirrizulta ppruvat. Dwar it-tinda, ghalkemm l-intimat ma jixhed xejn dwarha, mir-ritratti esebiti fl-atti, jidher car u huwa evidenti li din it-tinda setghet biss titwahhal mill-intimati stante li huwa huma biss li ghandhom access ghall-bitha in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk tqis li anki dan l-att jirrizulta debitament pruvat.

Jonqos ghalhekk li din il-Qorti tanalizza l-element tal-pussess. Kif gia inghad ir-rikorrenti ssostni li t-tieqa tal-kcina taghha tgawdi minn jedd ta' arja u dawl mill-istess tieqa ghal fuq il-bitha in kwistjoni. Dan apparti li inizjalment l-ilment kien li l-gradilja twahhlet mal-hajt proprjeta' taghha. Jirrizulta izda lill-Qorti li qabel ma giet intavolata l-kawza u cioe' nhar is-16 ta' Settembru, 2022, skont ir-rapport li sar mal-Pulizija mill-istess rikorrenti, l-intimat ghamel xoghlijiet sabiex din il-gradilja ma tibqax

imwahhla mal-hajt tar-rikorrenti. Ghalhekk meta giet intavolata l-kawza odjerna l-ilment tar-rikorrenti dwar pussess seta′ biss jirrelata l-allegat tehid ta′ pussess favur taghha ghad-dawl u l-arja mit-tieqa in kwistjoni u mhux it-twahhil mal-hajt.

Illi l-Qorti rat li t-tieqa in kwistjoni kienet u ghadha wahda ′sliding′ ghalhekk din meta tinfetah, tinfetah b′mod orizzontali u taghti arja minn nofs il-fetha tat-tieqa. It-twahhil tal-gradilja da parti tal-intimati bl-ebda mod ma naqqas dan il-pussess kif kien qed jigi ezercitat mir-rikorrenti. Ghalhekk minn dan il-lat il-Qorti ma tarax li dan l-element huwa sodisfatt.

Illi dwar it-tinda l-Qorti izda tqis li huwa evidenti mir-ritratti ta′ din l-istess tinda li din naqqset ferm id-dawl u l-arja li kienu jaslu ghat-tieqa tar-rikorrenti u li fuqhom ir-rikorrenti kellha pussess sa qabel twehhlet l-istess tinda. F′dan is-sens il-Qorti tqis li l-element tal-pussess fir-rigward tat-tinda gie sodisfatt mir-rikorrenti b′dana li huwa biss fir-rigward tat-tinda li l-Qorti tqis li l-elementi kollha tal-kawza ta′ spoll gew sodisfatti mir-rikorrenti.

Illi tenut kont ta′ dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa′ t-talbiet tar-rikorrenti limitatament ghat-tinda li saret fil-bitha in kwistjoni quddiem it-tieqa tar-rikorrenti izda ser tichadhom fir-rigard tal-istruttura tal-hadid. Nonsotante dan izda l-jeddijiet petitorji bejn il-partijiet jibqghu impregudikati.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati limitatament għall-gradilja u tiċħadhom fir-rigward tat-tinda li twaħħlet fil-bitha in kwistjoni;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta limitatament izda għall-installazzjoni ta' tinda fil-bitha in kwistjoni u tiċħadha fir-rigward tal-gradilja;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti limitatament għall-installazzjoni tat-tinda fil-bitha in kwistjoni u tordna li fi zmien xahar mid-data li din id-deċizjoni tiġi ġudikat l-intimati jneħħu kwalunkwe tinda jew ilqugħ mill-istess bitha a spejjez tagħhom u fin-nuqqas tal-intimati li jagħmlu dak ordnat lilhom fit-terminu mpost fuqhom tawtorizza lir-rikorrenti tneħħi l-istess a spejjez tal-intimati.

In vista li jirrizulta li l-gradilja oriġinarjament twaħħlet mill-intimati mal-ħajt tar-rikorrenti u mingħajr ma kien hemm ftehim mal-istess, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi xorta waħda l-ispejjez tal-kawza odjerna għandhom jiġu sopportati kollha mill-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**3 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**

**Deputat Reġistratur**

**3 ta' Ottubru, 2024**